# Minuti

**Seduta Nru. 24/2016**

Data: It-Tlieta 28 ta' Lulju 2016

Ħin: 6:00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Matthew Mangion – *Chairperson*<br>Sur Owen Patrick Attard – Membru<br>Sur Jimmy Zahra – *Membru* |
| Skużat | Sra Deborah Galea u s-Sur Manwel Galea talbu li jkunu skuzati minhabba ragunijiet ta' safar<br><br>*Sjr Karen Camilleri – Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

---

Il-laqgħa bdiet fis-18:00 permezz ta' talba miċ-Chairperson.

## 1. Minuti

435 Il-Kumitat approva l-minuti tas-seduta 23/2016 kif moqrija.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li kien hemm komunikat minnTransport Malta dwar il-bidla li sehhet, fejn minflok is-Sinjura Audrey Testaferrata de Noto issa lahaq is-Sur Silvio Scerri. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lill-membri jelenkaw it-talbiet pendenti li ghandhom jigu pprezentati ghall-attenzjoni ta' TM.

Gew elenkati dawn il-punti;

Zebra Crossing fl-area ta' Mater Dei

Installar ta' Bollards fl-area ta' Mater Dei

Dhul/Hrug alternattiv mis-Swatar ghall-Bypass

Timed Parking Scheme fis-Swatar

Traffic Managment fis-Swatar (b'mod partikolari fl-area tal-HSBC)

Ic-Chairman Matthew Mangion qal li huwa ferm importante li jitkompla l-progett tal-Bandli, fejn fadal isir bankijiet godda, titwessa l-bankina u jigi nstallat dawl gdid.

Ic-Chairman spjega li l-Kumitat Amministrattiv ghadu qed jistenna l-Quotation tal-ispejjez u l-pjanti sabiex issir applikazzjoni ghall-UIF Funds.

Is-Sur Jimmy Zahra ressaq talba sabiex il-Kumitat Amministrattiv iressaq talba ghall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali B'Kara sabiex tigi nstallata Crash barrier fi Triq iz-Zernieq ghaliex hemm periklu.

Is-Sur Jimmy Zahra nfurma lill-membri li Triq is-Sissla infethet it-triq u nghata t-tarmac. Issa jonqos li jsiru il-parking spaces sabiex ikun hemm aktar struttura fil-parkegg. Is-Sur Jimmy Zahra rrimarka wkoll li l-Kuntrattur li kien responsabbli mil-Landscaping (V&C Contractors) halla ammont ta' pallettes fit-triq. Huwa ferm importanti li tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur sabiex isir it-tindif mehtieg ghaliex inkella terga' tingema' mizbla.

**<u>Hwejjeg Ohra</u>**

Tnehhija ta' Sleeping Police fi Triq is-Swatar. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsillier Emanuel Brincat kellu jmur mal-Contracts Manager sabiex jaraw x'hemm bzonn li jsir u ssir manutenzjoni u mhux tinqala'.

Ic-Chairman Matthew Mangion spjega li t-tarag li jaghti minn Triq Vittmi tal-Gwerra ghal Triq il-Wied issa tlesta. Ic-Chairman infurma lill-membri li saru kummenti li kien hemm xi madum maqlugh u ghaldaqstant mar jaghmel on site visit izda ma sab xejn milli ntqal. Ic-Chairman infurma wkoll li huwa mistenni li jsiru traffic lights sabiex ir-residenti jkunu moqdija ahjar.

Is-Sur Owen Patrick ~~Mangion~~ Attard staqsa jekk kienx hemm informazzjoni dwar it-Torri. L-Agent Segretarju staqsiet jekk dan hux torri jew razzett, ghaliex meta staqsiet ghall-informazzjoni lil xi membri tal-Kunsill, hadd ma kien infurmat b'x Torri fis-Swatar.

L-Agent Segretarju nfurmat li se tintalab l-informazzjoni mehtiega lid-Dipartiment tal-Artijiet, forsi jkun hemm xi tip ta' risposta.

**3. Aġġornament**

450 Il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġiet aġġornata għal nhar ~~it-Tlieta~~ L-Erbgħa 31 ta' Awwissu 2016 fis-6:00pm.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 hrs.

Matthew Mangion
*Chairperson*

Karen Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data tal-approvazzjoni: ______________________